MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 560/2003

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-kontendenti zzewgu fis-7 ta’ Mejju 1978 u minn dan iz-zwieg ghandhom tlett itfal, cioe E li twieled fil-1982 u ghalhekk huwa maggorenni, D li twieled f’ Lulju 1990 u F li twieldet f’ Ottubru 1991.

Peress illi l-konvenut irrenda ruhu hati ta’ adulterju, sevizzi, eccessi, mohqrija u ngurji gravi u inoltre z-zwieg tkisser irrimedjabilment u fil-fatt il-partijiet ilhom de facto separati ghall-aktar minn tlett snin.

Peress illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghall-istanti permezz ta' digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili tal-10 ta' April 2003 (Digriet Numru 424/03).

Ghaldaqstant jghid il-konvenut ghaliex din il-Qorti m' ghandiex:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghall-ragunijiet imputabbli ghall-konvenut u ghall-finijiet tal-Artikolu 48C tal-Kodici Civili tistabbilixxi d-data meta l-istess konvenut ghandu jigi kkunsidrat li minnha kien hati tal-firda.

2. Tawtorizza lill-attrici tghix separatament minn ma' zewgha l-konvenut.

3. Tafda lill-attrici l-kura u kustodja tat-tfal minuri tal-kontendenti D u F u tawtorizza lill-attrici biex tapplika wahedha minghajr in-necessita' tal-awtorizzazzjoni tal-konvenuta zewgha ghal passaport tal-minuri u tipprovdi dwar l-access tat-tfal minuri ghall-konvenut taht dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni li jkunu applikabbli ghall-kaz.

4. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici martu, ghaliha u ghall-imsemmija tfal minuri dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata li tigi ffissata mill-istess Qorti taht dawk il-modalitajiet li jkunu xierqa u opportuni.

5. Tapplika kontra l-konvenut interament jew in parte d-disposizzjonijiet tal-Artiklu 48 tal-Kodici Civili.

6. Tordna li d-dar taz-zwieg tigi okkupata esklussivament mill-attrici u t-tfal minuri bl-eskluzzjoni tal-konvenut.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, komprizi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond' Awla fuq imsemmija, liema konvenut huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet li biha l-konvenut eccepixxa:

1. Illi hu ma jopponix ghall-ewwel talba attrici izda dan ghal ragunijiet imputabbli lill-attrici kif se jkollu l-opportunita' li jipprova waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi hu ma ghandu ebda oggezzjoni ghat-tieni talba attrici.

3. Illi dwar it-tielet talba hu ma jaqbilx li l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tkun tal-attrici biss izda semmai kongunta b' dan li t-tfal jabitaw mal-omm u hu jkollu access adegwat ghal uliedu.

4. Illi dwar ir-raba' talba hu ma ghandu ebda oggezzjoni li jmantni lil uliedu kif dejjem ghamel izda jhoss illi martu ghandha wkoll tikkontribwixxi ghal manteniment taghha stess.

5. Illi hu jopponi ghal hames u sitt talbiet attrici stante li ma hemmx raguni fattwali jew legali ghalfejn ghandhom jigu akkolti.

Rat il-kontro talba prezentata mill-konvenut rikonvenzjonant, u li tinsab a fols.124 u 125 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attrici rikonvenzjonata, u li tinsab fols.127 tal-process;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda u l-affidavits prezentati;

Rat ir-relazzjoni[1] tal-perit gudizzjarju l-Avukat Dottor Noel Bartolo, minnu debitament mahlufa;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

[1] Fol.291 *et seq.*

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma' zewgha l-konvenut peress li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment ghar-ragunijiet imputabbli lill-istess konvenut u kontemplati fl-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni

Minn naha tieghu l-konvenut qed jattribwixx t-tkissier taz-zwieg ghar ragunijiet imputabbli lill-attrici, abbazi ta' l-artikoli 40 u 41 ta' l-istess Kap.

**Separazzjoni Personali**

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fis-7 ta' Mejju 1978 u minn dan iz-zwieg ghandhom tlett-it tfal: E li twieled fis-sena 1982, D li twieled fit-23 ta' Lulju 1990 u F li twieldet fis-sena 1991. Fi Frar tas-sena 1999 il-konvenut telaq mid-dar konjugali u l-partijiet isseparaw de facto.

Illi z-zewg partijiet attribwew reciprokament komportament abbuz. In sostanza l-attrici tghid li zewgha ma kienx jirrispettaha, ma kienx jerfa' r-responsabbilita' tieghu fil-hajja matrimonjali, kien aggressiv verbalment maghha u mat-tfal u li, ghalkemm f' xi zmien ma kellhomx flus "biex nixtru certu necessitajiet" huwa kien hallas somma flus biex javvanza fl-istudji tieghu. Hija takkuza lill-konvenut li kellu relazzjoni extra matrimonjali. Il-pozizzjoni aggravat meta f' Novembru tas-sena 1996 zewgha rrizulta li kellu tumur f' rasu.

Minn naha tieghu l-konvenut, filwaqt li jichad dak attribwit lilu mill-attrici, jghid li martu "tbaghati mill-ghijra, rghiba ghall-flus, kappriccjuza u timmanipula lil haddiehor ghal gwadan taghha."[2]. Huwa jispjega li kien hallas biex jiehu l-Masters Degree sabiex ikompli javvanza fix-xoghol tieghu u jtejjeb il-pozizzjoni finanzjarja tieghu, fl-interess tal-familja tieghu wkoll u dan meta l-mara ma kienitx tahdem; izda martu kienet tghajjru li hutha jaqlighu aktar

[2] Aff. Fol.131 *et seq.*

flus minnu u "kemm-il darba hedditni li tahraqli l-kotba."[3] Huwa jichad li kellu relazzjoni extra matrimonjali mal-mara ndikata mill-attrici, u jghid li dina kienet biss kollega tieghu fil-kors. Jghid li hu kien frustrat ghax ma kellux l-appogg li kellu bzonn, u ghax martu kienet tahseb hazin fih u ddawwar it-tfal kontra tieghu.

Il-konvenut jispjega li, wara l-operazzjoni li kien ghamel, huwa waqa' f' depression kbira; u jghid li "il-glied kien qed jizdied u dak iz-zmien, bejn l-inkwiet u bejn il-hsieb tal-marda li kelli u d-depression qawwija li kont waqajt fiha, hassejt li ma kontx nista' nibqa' nghix taht l-istess saqaf maghha ghax jew kont ser nerga' nimrad jew kien jinqala' xi ghawg kbir. Ma kontx f' sensija. Kieku ma kontx ser nitlaq t-tfal u dak kollu li hdimt ghalih dawk is-snin kollha".[4]

Ikkunsidrat ulterjorment;

Illi din il-Qorti tikkondividi l-konstatazzjonijiet maghmula u l-konkluzzjonijiet raggjunti mill-perit legali f' dan ir-rigward, kontenuti fil-paragrafi 77 sa 91 tar-relazzjoni tieghu, u taddottahom.

Mill-provi jrrizulta li l-agir tal-konvenut fil-konfront ta' martu u ta' uliedhom, partikolament mis-sena 1995 'il quddiem, konsistenti f' aggressjoni, principalment verbali, jikkostitwixxi 'sevizzi' da parti tieghu fil-konfront ta' martu u tat-tfal tieghu, ghalkemm il-Qorti ma tistax tinjora l-kondizzjoni medika li kien qed ibati minnha l-konvenut.

Minn naha l-ohra, anke l-komportament ta' martu fil-konfront ta' zewgha kien abbuziv fit-termini ta' l-artikolu 40. Il-fatt li l-attrici kienet topponi ghal kull ma jghid il-konvenut meta dan kien jikkorreggi lit-tfal, anzi kienet tohodha kontra tieghu; il-fatt li ma kienitx thallih jikkoncentra fl-istudju u ma kienitx tappoggjah, anzi kienet tghajjru ambizzjuz, meta fil-fatt l-avvanz fix-xoghol kien ghall-beneficju tal-familja kollha; din l-insensittivita' u agir ta' martu fil-konfront ta' zewgha, kienet ikkontribwiet

---

[3] Ibid.
[4] Ibid.

sostanzjalment sabiex tirrendi l-konvivenza matrimonjali difficli

Inoltre, l-akkuza ta’ adulterju maghmula minnha fil-konfront ta’ zewgha u li ma gietx sostnuta minn provi, fiha nnifisha tikkostitwixxi ‘ngurja gravi’ peress li tweggha l-qalb.

Ferm il-premess, il-Qorti hija tal-fehema li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment minhabba l-komportament abbuz da parti taz-zewg partijiet, konsistenti f’ ‘sevizzi’, u anke ‘ngurja gravi’ da parti ta’ l-attrici; u li dan, fuq bazi ripetuta u abitwali kien irrenda mpossibbli l-konvivenza matrimonjali. Ghalhekk il-htija ghas-separazzjoni tirrisjedi fuq iz-zewg partijiet.

Illi in fine l-Qorti tosserva li hi ma tikkondividix il-konkluzjoni tal-perit legali, li l-komportament taz-zewg partijiet ghandu jattira s-sanjonijiet kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kap.16.

**Kura u Kustodja**

Illi llum dan il-kap jikkoncerna biss lil minuri F li ghandha circa 17-il sena. Din ghandha tibqa’ fil-kura u kustodja ta’ l-attrici bid-dritt ta’ access, favur il-konvenut, ta’ almenu darbtejn fost il-gimgha saghtejn kull darba, liema access ghandu jigi konkordat bejn it-tifla u l-konvenut; izda decizjonijiet importanti rigwardanti s-sahha tal-minuri ghandhom jittiehdu konguntivamnet, u fin-nuqqas ta’ ftehim, bl-intervent tal-Qorti.

**Manteniment**

Illi f’ dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghal parafgrafi 95[c] u ghas-sezzjoni ntitolata “Manteniment ta’ l-attrici”, a fol.321 sa 323 tal-process, u taqbel li l-manteniment dovut mill-konvenut ghat-tifla F, sakemm din tibqa’ minorenni, ghandu jkun ta’ tmenin lira Maltin [LM80] ekwivalenti ghal mija u sitta u tmenin Ewro u hamsa u tletin ewro centezmi [€186.35] kull erba’ gimghat. Dak ta’ l-attrici ghandu jkun fl-ammont ta’ mija u hamsin lira Maltin [LM150] ekwivalenti ghal tlett mija u disgha u erbghin Ewro u wiehed u erbghin ewro centezmu [€349.41] kull

erbgha gimghat sakemm il-minuri ssir maggjorenni, wara liema zmien, il-manteniment ta’ l-attrici jizdied awtomatikament ghal mija u tmenin lira Maltin [LM180] ekwivalenti ghal erbgha mija u dsatax-il Ewro u disgha u ghoxrin ewro centenzmi [€419.29]. L-ispejjez, relatati mas-sahha tal-minuri u l-edukazzjoni tieghu, ghandhom ikunu a kariku tal-konvenut u pagabbli versu r-ricevuti relattivi.

Illi fil-komputazzjoni tal-manteniment il-Qorti hadet ukoll konsiderazzjoni tad-dokumenti prezentati a fols.344, 345 u 348 u 349; kif ukoll, inter alia, il-fatt li anke l-attrici hija hatja tal-firda.

Ghaldaqstant tordna li l-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta’ tlett mija u disgha u erbghin Ewro u wiehed u erbghin ewro centezmu [€349.41] ekwivalenti ghal mija u hamsin lira Maltin [LM150] kull erbgha gimghat bhala manteniment ghaliha, liema somma tawmenta ruhha ghal erbgha mija u dsatax-il Ewro u disgha u ghoxrin ewro centenzmi [€419.29] ekwivalenti ghal mija u tmenin lira Maltin [LM180] malli l-minuri F ssir maggjorenni; kif ukoll ihallas lill-istess attrici s-somma ta’ mija u sitta u tmenin Ewro u hamsa u tletin ewro centezmi [€186.35] ekwivalenti ghal tmenin lira Maltin [LM80] bhala manteniment ghat-tifla sakemm din tibqa’ minuri; u tordna li dawn l-ammonti jinqatghu direttament mill-paga tieghu u mibghuta lill-attrici fl-indirizz residenzjali taghha. Il-konvenut huwa wkoll obbligat li jhallas l-ispejjez tal-loans, viza u Bupa kif stabbilit fir-relazzjoni tal-perit legali.

Il-manteniment jizdied kull sentejn skond l-ghola tal-hajja.

**Komunjoni ta’ l-Akkwisti**

Illi ghal dik li jirrigwarda l-konsistenza u qsim ta’ l-assi tal-komunjoni l-Qorti taghmel referenza ghall-paragrafu 94[5] u 96[6] tar-relazzjoni tal-perit legali; u tordna li l-assi jigu assenjati bil-mod segwenti:

5 Fol.320 u 321
6 Fol.324 u 325

*Assenjazzjoni*
[1] Illi d-dar matrimonjali bl-isem "Tal-Harruba" Triq is-Seneskalk, Naxxar tinbiegh fuq is-suq hieles fi zmien sena; u fin-nuqqas, wara dan il-perijodu, ghandha tinbiegh bis-subbasta; fi kwalunkwe kaz, il-prezz m'ghandux ikun inferjuri ghas-somma ta' mija u ghoxrin elf lira Maltin [LM120,000] ekwivalenti ghal mitejn u disgha u sebghin elf hames mija erbgha u ghoxrin Ewro u wiehed u tmenin ewro centezmu [€279,524.81], u r-rikavat, wara li jitnaqqas minnu d-dejn kollu gravanti l-fond sabiex jigi saldat, ghandu jinqasam bejn iz-zewg partijiet ugwalment.

Illi permezz tal-gudizzju odjern l-attrici qeda tigi ordnata li tivvaka d-dar matrimonjali, fi zmien sena millum.

[2] Illi l-effetti mobbli ghandhom jinqassmu kif propost mill-perit legali fil-paragrafu 96[c] tar-relazzjoni, u cioe' lill-konvenut jigu assenjati l-kotba, l-ghodda, taghmir fotografiku, karozza Tata Sumo bid-dejn ta' fuqha u figurini 'owl collection'; filwaqt lill-attrici jigu assenjati l-appliances u l-ghamara u l-ornamenti kollha li hemm fid-dar.

[3] Illi l-kontijiet bankarji ezistenti fil-gurnata tal-likwidazzjoni ghandhom jinqassmu wgwalment bejn il-partijiet.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi:
[1] tilqa' l-ewwel talba, fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi htija tat-tnejn;
[2] tilqa' t-tieni talba,
[3] tilqa' t-tielet talba limitatament kif fuq stabbilit fis-sezzjoni ntestata "Kura u Kustodja"; izda tichadha ghall-kumplament;
[4] tilqa' r-raba' talba limitatament kif fuq stabbilit fis-sezzjoni ntestata "Manteniment";
[5] tichad il-hames talba;
[6] tilqa' is-sitt talba limitatament ghall-perijodu ta' sena millum; wara liema perijodu, l-attrici hija ordnata li tivvaka l-fond matrimonjali, fuq indikat.

Tiddecidi dwar il-kontro talba kif ser jinghad:
[1] tilqa' l-ewwel talba fis-sens fuq deciz;
[2] tilqa' t-tieni talba limitatament u fis-sens fuq deciz;
[3] tichad it-tielet talba;
[4] tilqa' r-raba talba u tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti u tillikwidaha u tassenjaha kif fuq stabbilit fis-sezzjoni ntestata "Komunjoni ta' l-Akkwisti.";
[5] tilqa' l-hames talba, limitatament ghal wara l-perijodu ta' sena, kif fuq ordnat;
[6] tichad is-sitt talba;

L-ispejjes, kemm ta' l-azzjoni kif ukoll tal-kontro talba, ghandhom jigu sopportati mill-partijiet konguntivamnet fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------